**Laqgha Numru 15/K7/2013**

**Introduzzjoni**

Il-Hmistax-il Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar it-Tlieta 17 ta' Dicembru 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare, l-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi, u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-10 ta' Dicembru 2013. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 14/K7/2013.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 14/K7/2013.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
8. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
9. **Budget 2014.**
10. **Business Plan 2014 – 2016.**
11. **Tenders 11 u 12/2013 u kwotazzjonijiet 20 u 21/2013.**
12. **Kundizzjonijiet għall-offerti.**
13. **Performance Bonus ta' l-impjegati tal-Kunsill.**
14. **Mozzjoni 04/2013 – Policy dwar reminders.**
15. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
16. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K7/2013.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 14/K7/2013 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 14/K7/2013.

2.01. B'referenza ghall-**Minuti 14/K7/2013 item 2.01** u ghall-**Minuti 08/K7/2013 item 12.10** fejn il-Kunsillier Charles Cesare kien ippropona li l-Kunsill ghandu jara kif jerga' jinstalla l-information panels li kien hemm f'Pembroke Battery, kif ukoll fejn is-Sindku Dean Hili kien informa lill-Kunsill li kien sar komunikat (permezz ta' Facebook) mal-Perit Claude Borg li kien responsabbli mill-progett, u fil-prezent il-Kunsill qed jistenna risposta minghandu dwar jekk ghandux xi drawings relatata li jista' jaghmel uzu minnhom il-Kunsill, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghad ma kien hemm ebda risposta.

2.02. B'referenza ghall-**Minuti 14/K7/2013 item 2.02** u ghall-**Minuti 10/K7/2013 item 6.10** fejn il-Kunsill qed jistenna risposta minghand ir-Regjun dwar l-installazzjoni ta' speed camera, wara li dawn applikaw ma' TM, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghad ma kien hemm ebda risposta.

46/5858/13/I **23/10/2013** Email minghand il-Contracts Manager fejn b'referenza ghas-sigar li gabu mill-Ex Forum qed jghid illi hemm xi sigar taz-znuber li qed jarmu bil-mod il-mod pero il-maggoranza tas-sigar kemm taz-znuber, kemm tal-fikus kif ukoll ir-rand nixfu u ilhom zmien b'zokk biss.

2.03. B'referenza ghall-**Minuti 14/K7/2013 item 8.08** u ghall-korrispondenza numru **46/5858/13/I** fejn il-Kunsillier Mark Causon kien offra li jaghmel spezzjoni tal-post u jirraporta lura lill-Kunsill, il-Kunsillier Mark Causon informa lill-Kunsill li hemm bzonn zabra tajba u ghalhekk l-izviluppaturi ta' l-ex Forum ghandhom jigu mitluba jaghmlu dan l-intervent.

46/6196/13/O **07/11/2013** Email li s-Segretarju Ezekuttiv baghat lill-membri tal-Kunsill dwar il-laqgha li saret mal-Perit Kevin Fsadni u l-Avukat Noel Camilleri dwar l-Appell kontra l-izvilupp tal-picnic area.

2.04. B'referenza ghall-**Minuti 14/K7/2013 item 8.23** u ghall-korrispondenza numru **46/6196/13/O** fejn is-Sindku Dean Hili kien ippropona li l-Kunsill jissottometti l-appell, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s'issa l-permess ghad ma giex ippubblikat u ghalhekk skond il-parir tal-Perit tal-Kunsill Kevin Fsadni, l-appell ghadu ma jistax isir.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Memo 099/2013 -** Bord ta' l-Għażla għall-Kwotazzjoni 18 u 19/2013 **(Ara Dok. A); Memo 100/2013 -** Coffee Morning Danish **(Ara Dok. B); Memo 101/2013 -** European Week for Waste Reduction **(Ara Dok. C); Memo 102/2013 -** Laqgħa ma' Arriva Malta dwar il-parkeġġ tal-Park & Ride **(Ara Dok. D); Memo 103/2013 -** Kunsill Lokali taz-Zghazagh 2013 **(Ara Dok. E); Memo 104/2013 -** Rapport tal-ftuħ ta' Tender 11, 12/2013 u Kwotazzjoni 20, 21/2013 **(Ara Dok. F); Memo 105/2013 -** Lista ta' laqghat li saru 14/K7/13 u 15/K7/13 **(Ara Dok. G); Memo 106/2013 -** Bord ta' l-Għażla għal Tender 11, 12/2013 u Kwotazzjoni 20 u 21/2013 **(Ara Dok. H); Memo 107/2013 -** Laqgħa ma' l-Awtorita' tad-Djar **(Ara Dok. I); Memo 108/2013 -** Laqgħa mal-MEPA dwar il-policy ta' bini għoli **(Ara Dok. J);** Flyer dwar Sotto Kumitati godda **(Ara Dok. K)** u Flyer dwar informazzjoni lir-residenti **(Ara Dok. L)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-13 ta' Novembru u s-17 ta' Dicembru 2013 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| 46/6288/13/I<br>**12/11/2013** | Email minghand persuna li tahdem l-Enemalta fejn informat lill-Kunsill li madwar Blokk B fi Triq Pietro Rossel hemm numru ta' lampi maqtugha. |

6.02. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6288/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill, fejn jista', jirranga l-lampi li hemm permezz tal-haddiem assenjat minn ma' l-ETC, u ghall-kumplament, ghandu jitqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill.

6.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/6372/13/I<br>**14/11/2013** | Email minghand Ms. Susan Vella fejn informat lill-Kunsill li hawn numru ta' frieghi ta' sigar li qed jesporgu fuq il-bankina u ma tistax timxi fuq il-bankina ghax perikoluzi. |

6.05. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6372/13/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li diga kienet inharget cirkolari dwar dan li tqassmet fid-djar kollha tal-lokal fejn il-Kunsill kien talab ghall-koperazzjoni tar-residenti. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jiehu hsieb li f'kazi bhal dawn, wara li jkun ircieva l-ilment, rapprezentant tal-Kunsill ghandu jzur il-post sabiex jivverifika l-ilment u sussegwentament ir-resident jigi nfurmat bil-passi li jista' jiehu l-Kunsill u f'kaz li r-resident ma jwettaqx iz-zbir li jkun hemm bzonn, il-Kunsill jirriserva dritt li dan ix-xoghol isir mill-Kunsill limitatament ghal fuq il-bankini pubblici.

6.06. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.08. Il-Kunsillier Mark Causon talab biex il-hedge li hemm fi Triq il-Mediterran fil-parti ta' bejn Triq il-Fortizza u Triq Malfeggiani, jinzabar aktar biex ma jkunx hemm xkiel fuq il-bankina.

| | |
|---|---|
| 46/6391/13/I<br>**15/11/2013** | Email minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn informa lill-Kunsill li biex isiru c-certifikati li hemm bzonn ghall-progetti tal-UIF mill-inginier hemm hlas ta' €600 eskluz il-VAT u biex issir pjanta dettaljata li tinvolvi survey u drawing il-hlas ser jaqbez il-€500. |
| 46/6399/13/O<br>**15/11/2013** | Email li l-Kunsill baghat lill-Membri tal-Kunsill fejn b'referenza ghall-email tal-Perit tlabna twegiba jekk jaqblux li jsir il-hlas ta' €600 eskluz il-VAT biex isiru c-certifikati necessarji mill-inginier ghall-progetti tal-UIF |

minhabba li minghajr dawn id-dokumenti l-applikazzjoni tinsab wieqfa.

6.09. B’referenza ghall-korrispondenza numri **46/6391/13/I u 46/6399/13/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova li jsir dan ir-rapport mill-Inginier b’konnessjoni mal-progetti tal-UIF, u dan ghall-prezz ta’ €600 eskluz il-VAT.

6.10. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6395/13/I **15/11/2013** Email minghand is-Sindku Dean Hili fejn informa lill-Kunsill li rcieva lment minghand is-Sinjura Eileen Gouder li toqghod Triq Don Luigi Rigord kantuniera ma' Triq il-Mediterran fejn infurmatu li din is-sena vettura baqghet diehla fil-kantuniera tad-dar taghha u talbet biex issir crash barrier.

6.12. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/6395/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-familja Gouder ghandhom jigu nfurmata li l-Kunsill ma jarax il-htiega l’issir din il-crash barrier, peress li altrimenti tkun trid issir wahda f’kull kantuniera.

6.13. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-passat il-Kunsillier Charles Cesare kien semma wkoll il-possibilita’ li tigi nstallata crash barrier fi Triq Burma fejn hemm il-gnien u fuq Facebook kien hemm suggeriment biex issir wahda fi Triq Burma minn wara Blokk 7 sa quddiem San Giorgio Pharmacy.

6.16. Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li l-Kunsill ghandu jitlob l-ghajnuna tal-Gvern Centrali sabiex isiru gradilji fuq ir-rain water culvert li hemm fi Triq Falaise u Triq Gioacchino Le Brun minhabba li huma perikoluzi u dawn it-toroq jintuzaw minn hafna vetturi.

6.17. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6444/13/I **16/11/2013** Email minghand il-Kunsillier Mark Causon fejn baghat ritratti ta' xoghlijiet li hemm bzonn isiru madwar il-ground ta' Pembroke Athleta.

6.19. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/6444/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jibqa’ jaghmel pressjoni mal-Gvern Centrali biex dan ix-xoghol isir minnaha tieghu kif kien beda jigi diskuss ma’ l-amministrazzjoni precedenti.

6.20. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6469/13/I **19/11/2013** Email minghand il-Kunsillier Mark Causon fejn b'referenza ghad-diversi emails li l-Kunsill baghat lill-Ghassa ta’ San Giljan u li s'issa ghadhom ma hadux azzjoni konkreta talab sabiex tintbaghat il-korrispondenza lill-kummissarju u lil diversi Ministeri.

6.22. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/6469/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ghandha ssir laqgha ufficjali mas-Supretendent tad-Distrett biex jigu diskussa l-punti pendenti li hemm, issa li hemm persuna gdida.

6.23. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6473/13/I **19/11/2013** Stima minghand il-Perit Kevin Fsadni ta' €570 biex isir il-photomontage b'konnessjoni ma' l-izvilupp tat-tennis courts kif ukoll €470 biex isir survey ghall-bankina proposta fi Triq Mandalay.

6.25. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6473/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill japprova li jsir il-photomontage tal-picnic area vis-a-vis l-izvilupp tat-tennis courts, u dan ghall-prezz ta' €570.00.

6.26. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.28. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova li jsir survey fi Triq Mandalay sabiex eventwalment jekk il-finanzi jippermettu ssir il-bankina, u dan ghall-prezz ta' €470.00.

6.29. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6476/13/I **19/11/2013** Email minghand Austin Duca fejn irringrazzja lill-Kunsill tax-xoghol li qed isir fil-lokal u talab biex fil-work plan tal-knis, f'toroq fejn hemm il-hwienet bhal Triq Patri Indri Vella tinkines aktar minn darba fil-gimgha.

6.31. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6476/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li din it-talba ghandha tigi kkunsidrata aktar il-quddiem ladarba l-Kunsill ikun aktar sodisfatt bid-dehra tal-lokal.

6.32. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6505/13/I **20/11/2013** Kwotazzjoni minghand Melita Trains ta' €400 inkluz il-VAT sabiex issir l-attivita' ghat-tfal ghal zmien il-Milied.

46/6754/13/O **03/12/2013** Email li ntbghatet lill-Membri tal-Kunsill fejn gew mitluba sabiex japprovaw is-suggeriment jew jirrakkomandaw xi alternattiva ghall-attivita' ghat-tfal ghal zmien il-Milied.

46/6962/13/I **17/12/2013** Stima minghand Leisure Group biex jipprovdu Father Christmas ghall-prezz ta' €159.30 jew €106.20 ghal 3 sieghat.

6.34. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/6505/13/I, 46/6754/13/O u 46/6962/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ghandu jsir komunikat mal-kumpanija Melita Trains li l-konkorrenza hija baxxa u biex ikun infurmat li hemm possibilita li l-attivita' tithassar minhabba nuqqas ta' konkorrenza. Madanakollu l-Kunsill, ghad li ma kellux bizzejjed konkorrenza ghall-pjanijiet mahsuba xorta wahda ma jhossx li m'ghandu jsir xejn fi zmien il-Festi u ghalhekk minkejja n-nuqqas ta' konkorrenza xorta wahda ghandha ssir attivita' bil-Father Christmas iqassam ir-rigali fid-djar ta' dawk li jkunu applikaw sad-19 ta' Dicembru skond il-closing date indikata fuq ic-cirkulari li ntbaghtet fid-djar kollha tal-lokal. Ghalhekk il-kelliem ippropona li tigi accettata l-istima ta' Leisure Group.

6.35. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda u zied li l-istess komunikat ghandu jsir ma' min diga applika biex jaghmel uzu mit-train.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6581/13/I **25/11/2013** Emil minghand is-sur Denis Darmanin fejn informa l-Kunsill li hanut fil-Belt jixtieq jixtri bejn ghaxra u ghoxrin kopja tal-Ktieb ta' Pembroke

sabiex ikun jista' jbieghhom.

6.37. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6581/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaccetta din it-talba fejn il-kotba ghandhom jinghatawlu bil-prezz li l-Kunsill ibieghom lir-residenti.

6.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/6582/13/I **25/11/2013** | Email minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn b'referenza ghall-email tal-Kunsill dwar it-tnehhija ta' l-out crop minn Triq Dun Amabile Sisner c/w Triq il-Mediterran informa l-Kunsill li huwa ta' l-opinjoni li l-out crop ma titnehhix u minflok isir tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku u l-one ways. |

6.40. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6582/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li fil-laqgha li jmiss ghandha tigi diskussa proposta ta' One way fit-toroq li hemm bejn Triq il-Fortizza, Triq Camillo Sciberras, Triq Madre Margherita de Brincat, Triq Gabriele Henin u Triq il-Mediterran.

6.41. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/6595/13/I **25/11/2013** | Kwotazzjoni minghand Mica Med ta' €3,001.75 ghal shifting ta' zewg lampi u nstallazzjoni ta' 2 lampi godda fi Triq Tunis. |

6.43. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6595/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din l-istima biex jiccaqilqu zewg lampi minn mad-djar u jitpoggew fuq arblu fi Triq Tunis u jigu nstallata 2 lampi ohra godda. Il-kelliem ippropona wkoll li ma dawn ghandha tehel ukoll lampa li taghti ghall-parkegg li hemm biswit il-Pembroke Athleta Sports Club, liema spiza m'hijiex inkluza f'din l-istima.

6.44. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/6597/13/O **25/13/2013** | Email lill-membri tal-Kunsill fejn baghtna rapport dettaljat ta' l-istat tat-tabelli tat-trafiku li hawn fil-lokal u nfurmajnihom li hemm nefqa ta' kwazi €8,000. |

6.46. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6597/13/O** is-Sindku Dean Hili rringrazzja lill-Kunsillier Charles Cesare, lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-istaff tal-Kunsill ghar-rapport li sar. Il-kelliem irrakkomanda li l-ewwel tabelli li ghandhom jigu rrangata huma l-Stop u l-ismijiet tat-toroq, fejn ippropona li tabelli ta' Stop ghandhom ikunu dawk li jirriflettu l-aktar filwaqt li l-ismijiet tat-toroq ghandhom isiru kollha l-istess u fuqhom fuq in-naha tax-xellug ghandha tigi printjata ukoll l-istemma tal-lokal. Gie rrakkomandat ukoll li jekk huwa possibbli fejn ikun hemm STOP u isem tat-triq, ghandu jsir pole wiehed li jehel fuq gewwa tal-bankina fejn il-parti ta' fuq tkun milwija u tesporgi l-barra fuq il-bankina stess sabiex maghha tehel it-tabella ta' l-iStop.

6.47. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/6622/13/I **27/11/2013** | Email minghand is-Sinjura Jeanette Attard fejn informat lill-Kunsill li xi hadd qala l-cones li twahhlu fi Triq l-Imhallef William Harding u talbet |

sabiex jew issir camera jew tinghalaq l-entratura minn Triq Medjez.

46/6838/13/I **06/12/2013** Email minghand is-Sinjura Jeanette Attard fejn informat lill-Kunsill li xi hadd qala it-tieni cone li hemm fi Triq l-Imhallef William Harding.

6.49. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/6622/13/I u 46/6838/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li dawn il-cones ghandhom jergghu jitwahhlu fl-istess post.

6.50. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6668/13/I **02/12/2013** Email minghand l-MQuip fejn informa l-Kunsill li x-xoghlijiet fuq l-upgrading tal-Gnien 4 ta' Lulju jibdew fit-tielet gimgha ta' Jannar u jitlestew fi zmien erba' gimghat.

6.52. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6668/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jiffissa laqgha mal-kuntrattur fil-prezenza tal-Perit tal-Kunsill halli x-xoghol ikun jista' jinbeda wara li jghaddu l-festi. Il-kelliem irrimarka li l-istess ghandu jsir mal-kuntrattur li ser jaghmel ix-xoghol fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

6.53. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6686/13/I **02/12/2013** Email minghand is-Sinjura Rita Attard fejn baghtet xi ritratti ta' problema li qed ikollhom meta taghmel ix-xita minhabba li jifqilhom l-ilma quddiem il-bieb tad-dar fi Triq Gioacchno Le Brun.

6.55. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6686/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob stima lill-J&K Contractors Ltd. biex eventwalment tintbaghat lill-Awtorita' tad-Djar abbazi tad-diskussjoni li saret maghhom fil-jiem li ghaddew u dan sabiex tigi mistharga l-possibilita' li jsiru xi tip ta' drains biex tissolva l-problema li hemm.

6.56. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.57. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6768/13/O **04/12/2013** Email li ntbaghtet lill-Cleansing Department b'xi ritratti tal-latrina pubblika li hemm fil-gnien 4 ta' Lulju fejn il-Kunsill talab sabiex jirrengaw xi hsara li hemm fit-toilet.

46/6773/13/I **05/12/2013** Email minghand il-Cleansing Department fejn b'referenza ghall-latrini pubblici staqsew sabiex il-Kunsill jindika l-perjodu li ghandu sabiex tinhareg sejha pubblika ghall-offerti u l-aggudikazzjoni taghhom minhabba li d-direttort ghandu bzonn il-haddiema.

46/6909/13/O **12/12/2013** Email li ntbaghtet lill-Cleansing Department fejn b'referenza ghall-kuntratt tal-latrini gie nfurmat li l-Kunsill ser jiltaqa' nhar it-Tlieta 17 ta' Dicembru 2013 u ser ikun diskuss dan is-suggett.

6.58. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/6768/13/O, 46/6773/13/I u 46/6909/13/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jibda l-process sabiex jinhareg tender ghaz-zamma u l-manutenzjoni taz-zewg latrini pubblici. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jipprepara draft u jintbaghat lill-membri tal-Kunsill ghall-kummenti u l-approvazzjoni taghhom. Il-kelliem ippropona wkoll li l-offerti ghandhom jigu ppubblikata fuq il-Gazzetta tal-Gvern, The Malta Independent,

Il-Mument u l-Kullhadd u l-mizata ghal kull dokument ghandha tkun ta' €50. Finalment il-kelliem ippropona li d-data ta' l-gheluq ghandha tkun ta' xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni. Il-kelliem ippropona wkoll li d-Dipartiment ghandu jigi mitlub jibqa' jaghti s-servizz sa l-ahhar ta' Marzu 2014 halli jkun hemm bizzejjed zmien li jinhargu l-offerti u jigu aggudikata. Is-Sindku Dean Hili ppropona wkoll li l-Kunsill ghandu jara li qabel jibda l-kuntrattur il-gdid, il-latrini jigu rrangata u jkunu fi stat tajjeb u ghalhekk ghandu jithejja rapport tax-xoghol li hemm bzonn isir sabiex jingabru l-istimi necessarja.

6.59. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.60. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/6811/13/I **05/12/2013** | Email minghand il-Cleansing Department fejn b'referenza ghal xi materjal li kien twitta fuq il-blat, informa lill-Kunsill li l-materjal kien tnehha minn fuq ix-xaghri u staqsa x'ghad fadal li jsir u nforma lill-Kunsill li x-xoghol ma kienx sar mill-Cleansing Unit. |

6.61. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6811/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jikteb lill-MEPA fejn jintalbu jinvestigaw il-kaz u jinfurzaw fejn hemm bzonn.

6.62. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.63. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/6830/13/I **06/12/2013** | Email minghand l-Arriva fejn talbu l'issir laqgha ohra mal-Kunsill rigward l-uzu tal-Park and Ride u dwar skema ta' €20 fix-xahar. |

6.64. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6830/13/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li din il-laqgha ser issir fil-jiem li gejja.

| | |
|---|---|
| 46/6854/13/I **09/12/2013** | Ittra minghand Transport Malta fejn baghtu l-applikazzjoni tas-Sur Paul Formosa li joqghod Dr B, Flt 2,Triq Juno li applika ghal reserved parking. |

6.65. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6854/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba.

6.66. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/6855/13/I **09/12/2013** | Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'referenza ghal Memo 7/2010 - Skema ta' finanzjament ghall-accesibilita' ahjar, informa lill-Kunsill li jekk mhux ser nibghatu l-claim sal-31 ta' Dicembru 2013 il-fond ta' €3,300 ser jintilfu. |
| 46/6873/13/O **09/12/2013** | Email li ntbaghtet lill-Membri tal-Kunsill b'kopja ta' l-ittra li rcieva l-Kunsill minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Memo 7/2010 - Skema ta' finanzjament ghall-accessibbilita' ahjar fil-lokalita'. |

6.68. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/6855/13/I u 46/6873/13/O** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill ghandu jerga' jitlob permess ghal estenzjoni fid-dawl li x-xoghol ser isir fl-ewwel gimghat tas-sena 2014 u l-Kunsill jitlob dikjarazzjoni minghand il-kuntrattur li qed jistenna l-istock biex jibda.

6.69. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6870/13/I **09/12/2013** Email minghand l-AKL fejn talbu sabiex isir il-hlas ta' €20 tal-Performing Right Society.

6.71. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/6870/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu japprova dan l-infieq.

6.72. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6871/13/O **09/12/2013** Email li ntbaghtet lill-Membri tal-Kunsill fejn intalbet l-approvazzjoni taghhom sabiex inkunu nistghu nirrangaw il-hsara fis-server.

46/6964/13/I **17/12/2013** Stima ta’ €367.95 eskluz il-VAT minghand Infinite Fusion Technologies biex jigi upgraded is-server, isirlu format, tigi nstallata hard disk gdida u dik ezistenti titpogga fuq barra biex tintuza bhala backup.

6.74. B’referenza ghall-korrispondenza numri **46/6871/13/O u 46/6964/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova li tigi rrangata l-hsara li hemm.

6.75. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.76. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6881/13/I **10/12/2013** Mozzjoni minghand il-Kunsillier Mark Causon sabiex tkun diskussa waqt il-laqgha tal-Kunsill dwar il-FAR Policy buildings.

6.77. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/6881/13/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li peress li kienet tghid li hija mozzjoni u ma kienx hemm sekondant, jekk ikun hemm sekondant, din tigi diskussa fil-laqgha li jmiss. **(Ara Dok. M)**

6.78. Il-Kunsillier Mark Causon talab li dan is-suggett jigi diskuss waqt materji ohra minhabba l-urgenza li hemm.

6.79. Il-membri kollha prezenti qablu unanimament ma’ din it-talba.

46/6883/13/I **10/12/2013** Email minghand l-AKL fejn talbu sabiex isir il-hlas ta' €63 ghall-assigurazzjoni tal-flus 2014.

6.80. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/6883/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill igedded din il-polza t’assigurazzjoni ma’ l-AKL.

6.81. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.82. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6890/13/I **10/12/2013** Email minghand l-AKL fejn baghtu l-formola ghat-tigdid tal-Group Health Insurance Policy 2014.

6.83. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/6890/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill igedded din il-polza t’assigurazzjoni ma’ l-AKL fejn apparti l-impjegati amministrattivi, ghandhom jigu nkluza wkoll il-membri eletti tal-Kunsill.

6.84. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.85. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6963/13/I **17/12/2013** Stima ta’ €1,891.00 minghand J&K Contractors Ltd. biex jigi rrangat it-tarag li hemm wara Juno Flats u jsir railing tal-pajpijiet fuq kull naha.

6.86. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/6963/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li dan ix-xoghol isir.

6.87. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.88. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jixtri xi drinks biex ikunu jistghu jintuzaw fi zmien il-festi.

8.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Budget 2014.

9.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta Estimi Finanzjarji proposti ghas-sena 2014 **(Ara Dok. N)**, liema dokument gie diskuss ma' l-Accountant tal-Kunsill f'laqgha li saret apposta nhar il-Hamis 12 ta' Dicembru 2013 fejn kienu prezenti l-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillier Mark Causon. Il-kelliem irrimarka li huwa, l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Charles Cesare kienu skazata.

9.02. Fid-dawl tad-dokument ipprezentat, il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li jigi approvat kif ipprezentat fil-format ta' Draft.

9.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Accountant tal-Kunsill qed tirrakkomanda li l-Kunsill ihallas il-bilanc kollu li ghad fadal fuq il-loan ta' l-upgrading tal-Kunsill ladarba hemm indikat li l-Kunsill ghandu jircievi flejjes mill-progetti. Dan fid-dawl li l-imghax iggenerat fil-Fixed Acc huwa baxx meta kkumparat ma' l-imghax li qed jehel il-Kunsill fuq il-loan.

9.06. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni kif ukoll li jinghalqu l-kontijiet bankarja kollha minn ma' Volksbank ladarba jkun inghalaq il-loan.

9.07. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

9.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.09. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-estimi finanzjarji ghas-sena 2014 ghandhom jigu diskussa mar-residenti waqt il-laqgha tal-lokalita' li qed tigi proposta l'issir nhar il-Gimgha 17/01/2014 fis-sala tal-Kunsill fis-6.30pm.

9.10. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda u zied li ghal din il-laqgha ghandhom jigu mistiedna ufficjalment l-ex membri tal-Kunsill.

9.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.12. Il-Kunsillier Mark Causon irrakkomanda li r-rapport finanzjarju li jitqassam waqt il-laqgha ghandu jkun kemm jista' jkun dettaljat fejn juri kemm nefaq il-Kunsill fis-sena 2013 u kemm hemm il-hsieb li jonfoq is-sena li gejja 2014.

## 10. Business Plan 2014 – 2016.

10.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li dan ghad irid jigi mfassal ladarba jkun approvat il-Budget u l-Kunsill ikollu l-informazzjoni minghand il-LGD dwar l-allokazzjoni. Il-kelliem fakkar li l-ewwel sena tal-Business Plan hija l-Budget tas-sena 2014, u s-snin 2015 u 2016 ser ikunu tkomplija ta' dak propost fl-ewwel sena.

## 11. Tenders 11 u 12/2013 u kwotazzjonijiet 20 u 21/2013.

11.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 11/2013 – Upkeep & Maintenance of Road Markings in an environmentally friendly manner** ghandha tinghata lill-kumpanija **Koptasin** abbazi li wara l'inghataw il-punti skond il-MEAT, l-offerta taghhom hija l-aktar vantagguza. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

11.02. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.04. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 12/2013 – Insurance policy,** l-offerti tal-kumpaniji **Allcare Insurance Brokers** u **Mediterranean Insurance Brokers** ghandhom jigu rifjutata minhabba li kellhom dokumenti neqsin kif ukoll li ladarba ser ikun fadal kumpanija wahda biss, il-Kunsill ghandu jinnegozja maghha biex trahhas il-prezz minhabba li l-prezz offrut huwa hafna aktar minn dak li qed ihallas prezentament il-Kunsill. Il-Bord qabel ukoll li jekk il-kumpanija **Island Insurance Brokers** tirrifjuta, il-Kunsill ghandu jirrifjuta din l-offerta wkoll, jinhargu offerti godda u l-polza prezenti tiggedded ghal 3 xhur ohra sakemm jerga' jsir process shieh.

11.05. Wara diskussjoni, il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li t-tlett offerti ghandhom jigu rifjutata minhabba li tnejn minnhom ma kienux complaint u l-ohra ghax hija ghola mill-Budget tal-Kunsill; li jinhargu offerti godda u, li l-polza prezenti tiggedded ghal 3 xhur ohra sakemm jerga' jsir process shih ta' tendering.

11.06. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

11.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.08. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 20/2013 – Receipt books,** l-offerta tal-kumpanija **Sunland Printers Ltd.** ghandha tigi rifjutata minhabba li provdiet stima fuq printing ta' 2 col u mhux 3 kif talab il-Kunsill. Il-Bord qabel unanimament li tintghazel l-offerta ta' **Union Print Co. Ltd.** u li jsiru 5,000 ircevuta, abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar vantagguza.

11.09. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

11.10. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

11.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.12. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 21/2013 – Hire of mobile toilets** ghandhom jigu rifjutata minhabba li l-ispiza hija aktar minn dak li jiflah il-Kunsill. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni minhabba li ghal 6 xhur l-ispiza twassal ghal madwar €4,000.00 li tkopri s-servizz kollu.

11.13. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.14. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillier Mark Causon ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Charles Cesare vvutaw kontra.

11.15. Il-mozzjoni ghaddiet.

## 12. Kundizzjonijiet għall-offerti (46/6477/13/I).

12.01. Is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-Kunsillier Mark Causon vis-a-vis il-korrispondenza li kien baghat lill-Kunsill. **(Ara Dok. O)**

12.02. Wara diskussjoni li saret il-Kunsillier Mark Causon ippropona li meta jkun hemm il-hjiel li jinhargu tenders godda ghal servizzi, ghandhom jiddahlu klawsoli sabiex kemm jista' jkun jintalbu sensiela ta' prezzijiet ghal servizzi li jista' jitlob il-Kunsill. Il-kelliem ippropona wkoll li meta l-Kunsill johrog sejhiet ghal provvista u/jew xoghlijiet partikulari, ghandu jkun hemm indikat id-delivery date u/jew zmien li fih ghandu jitlesta x-xoghol.

12.03. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

12.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Performance Bonus ta' l-impjegati tal-Kunsill.

13.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta lill-Kunsill ir-rapport li kien ipprepara huwa dwar il-Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg **(Ara Dok. P)**, kif ukoll ir-rapport li kien ipprepara s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg dwar il-Performance Bonus ta' l-iskrivana Alison Grixti u Kirsty Rizzo **(Ara Dok. Q u R)**. Il-kelliem ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jinghata l-full jigifieri 10%.

13.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

13.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li personalment rat ir-rapport u ma tahsibx li l-livell kien jeccedi dak mistenni ghalkemm huwa bniedem li jahdem hafna, u ghalhekk irrimarkat li tahseb li 8% kienet tkun rata ragonevoli.

13.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Mark Causon u l-Kunsillier Charles Cesare vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

13.05. Il-mozzjoni ghaddiet.

13.06. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-iskrivana Alison Grixti u Kirsty Rizzo ghandhom jinghataw il-full ukoll jigifieri 6%.

13.07. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

13.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li personalment rat ir-rapport u ma tahsibx li ghandhom jinghataw il-full u ghalhekk tahseb li r-rata ghandha tkun ta' 4 jew 5%.

13.09. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Mark Causon u l-Kunsillier Charles Cesare vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

13.10. Il-mozzjoni ghaddiet.

13.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jipprovdi skip biswit Pembroke Athleta Sports Club biex isir tindif ta' l-akwati.

13.12. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

13.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

***13.14. Fl-10.00pm il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tigi skuzata u halliet il-kamra.***

13.15. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-vacation leave pendenti tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-iskrivana Alison Grixti u Kirsty Rizzo ghandu jigi trasferit ghas-sena li gejja 2014.

13.16. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14. Mozzjoni 04/2013 – Policy dwar reminders.

14.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta lill-Kunsill Mozzjoni 04/2013 proposta mill-Kunsillier Mark Causon u ssekondata mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat **(Ara Dok S).** Il-kelliem talab lill-Kunsillier Mark Causon biex iressaq il-mozzjoni ghad-diskussjoni.

14.02. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li tigi diskussa Mozzjoni 04/2013.

14.03. Il-Kunsillier Charles Cesare, fin-nuqqas tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, issekonda.

14.04. Wara diskussjoni li kien hemm, il-Kunsillier Mark Causon ippropona li mozzjoni 04/2013 ghandha tigi emendata billi t'terminu ta' zmien ghandu jkun xahar u mhux 15-il gurnata kif indikat.

14.05. Is-Sindku Dean Hili ssekonda kif emendata.

14.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15. Approvazzjoni tal-kontijiet.

15.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. T, U, V u W)**

15.02. Wara li l-Kunsillieri raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, il-Kunsillier Mark Causon ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet b'dak it-tnaqqis irrikmandat fuq l-iskeda.

15.03. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

15.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 16. Materji ohra.

16.01. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill ghandu jqabbad lill-J&K Contractors Ltd. biex tigi rrangata l-outcrop li hemm fi Triq Patri Indri Vella kantuniera ma’ Triq il-Profs Jos. E. Debono, halli l-hamrija ma tibqax titkaxkarx ma’ l-ilma tax-xita.

16.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

16.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet irrimarkat li fil-passat il-kumpanija Adventure Camping kienu weghdu lill-Kunsill li kellhom jorganizzaw camping ghaz-zghazagh, xi haga li s’issa qatt ma saret.

16.05. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jitlob lil din il-kumpanija biex dak li kien gie mwieghed ghandu jitwettaq.

16.06. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

16.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.08. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jqabbad lill-kuntrattur tad-dawl sabiex jipprovdi stima biex tigi rrangata l-hsara li hemm fid-dawl ta’ fuq Pembroke Battery, dan sabiex din terga’ tibda tkun mixghula.

16.09. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

16.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.11. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn xi dirigenti fil-klabb sportiv ta’ Pembroke Athleta, sabiex il-Kunsill jinstalla xi litter bins fl-akwati. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem ippropona li l-klabb ghandu jintalab jipprovdi nformazzjoni ta’ fejn jixtiequ li jigu nstallata dawn il-bins.

16.12. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

16.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.14. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/6881/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li d-dokument jigi approvat kif sottomess u ghandu jintbaghat lill-MEPA.

16.15. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

16.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.17. Il-Kunsillier Mark Causon staqsa jekk il-kuntrattur Philip Seguna kienx ha hsieb jorbot l-iskips kif ukoll jekk kienx ha hsieb li jizbogh il-graffitti li kien hemm u ghamilx stickers godda fuqhom.

16.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s’issa l-Kunsill ma rcieva ebda risposta pozittiva minghand il-CM dwar dan.

16.19. Is-Sindku Dean Hili awgura l-Festi t-tajba u sena mimlija paci u sliem lill-membri kollha tal-Kunsill inkluz il-familjari taghhom. Wara ghalaq il-laqgha fl-10.55pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2014 fil-5.30pm.

| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |